Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,612, 27 ta' Marzu, 2026
Taqsima B

A.L. 78 tal-2026

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2026 dwar il-Padiljun Sportiv u Akkwatiku ġewwa Għawdex (Sħubija u Drittijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru responsabbli għal Għawdex bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar il-Padiljun Sportiv u Akkwatiku ġewwa Għawdex (Sħubija u Drittijiet).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Ċentru" jew "GISAP" ifissru l-Padiljun Sportiv u Akkwatiku ġewwa Għawdex li jinsab fir-Rabat (Ċittà Victoria), Għawdex;

"Maniġer taċ-Ċentru" tfisser il-kap operattiv responsabbli għall-ġestjoni tal-aċċess, li jiżgura l-awtorizzazzjoni tal-utenti tas-servizz, l-infurzar tar-regoli tal-kondotta u tas-sigurtà u l-iżgurar tal-konformità mal-istandards stabbiliti tal-kwalità u s-sigurtà fiċ-Ċentru;

"membru" tfisser kwalunkwe persuna li tkun ħallset id-dritt tas-sħubija elenkat fl-Iskeda I;

"Ministru" tfisser Ministru responsabbli għal Għawdex;

"pass ta' ġurnata għall-viżitaturi" tfisser pass li jagħti lil viżitatur aċċess temporanju għall-faċilitajiet għal ġurnata waħda;

"prenotazzjoni" tfisser ir-riservazzjoni ta' kwalunkwe faċilità elenkata fl-Iskeda II;

"viżitatur" tfisser persuna li ma tkunx membru u li tingħata aċċess temporanju skont ir-regolament 4.

L-użu tal-faċilitajiet speċjalizzati fiċ-Ċentru.

3. Persuna ma għandhiex tagħmel użu mill-faċilitajiet speċjalizzati elenkati fl-Iskeda II sakemm ma tkunx membru jew viżitatur fil-pussess ta' pass ta' ġurnata għall-viżitaturi validu.

Aċċess għall-viżitaturi.

4. Il-Maniġer taċ-Ċentru jista' joħroġ pass ta' ġurnata għall-viżitaturi soġġett għas-sigħat ta' aċċess u d-drittijiet stabbiliti fl-Iskeda II. Il-viżitaturi għandhom jikkonformaw mar-regoli kollha taċ-Ċentru u ma jistgħux jaċċessaw sessjonijiet ristretti għall-membri biss.

Drittijiet.

5. (1) Għandhom jiġu imposti mill-Ministru d-drittijiet elenkati fl-Iskeda I għall-użu tal-faċilitajiet fiċ-Ċentru.

(2) Id-drittijiet speċifikati fl-Iskedi I u II għandhom jitħallsu lill-Maniġer taċ-Ċentru mal-prenotazzjoni jew id-dħul.

Rati skontati.

6. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista' jnaqqas jew ineħħi kwalunkwe dritt li għandu jiġi mħallas liċ-Ċentru mill-iskejjel u l-assoċjazzjonijiet sportivi u klabbs, meta l-attività ssir għall-fini tal-promozzjoni tal-edukazzjoni fiżika u l-isport.

SKEDA I
(regolamenti 5(1) u 5(2))
Drittijiet għas-Sħubija

Tip ta' sħubija	**Annwali (€)**
Kull membru	10

SKEDA II
(regolamenti 3, 4 u 5(2))
Rati ta' Prenotazzjoni tal-Faċilità

Faċilità	**Rata Standard €/ 1hr 45min**	**Terminu/Kull tliet (3) xhur €/1hr 45min**	**Kondizzjonijiet ewlenin**
Pixxina Olimpika – karreġġjata waħda ta' 50 m	15	12	Massimu ta' 5 persuni kull karreġġjata
Pixxina Olimpika – karreġġjata waħda ta' 25 m	4	2	Massimu ta' 5 persuni kull karreġġjata (set-up provviżorju)

Pixxina Olimpika – karreġġjata waħda uffiċjali ta' 25 m	6	3	Massimu ta' 5 persuni kull karreġġjata (set-up uffiċjali)
Pool tat-Tagħlim – 14m b'25m	4	2	B'fond aġġustabbli Kondiviża bejn massimu ta' 50 persuna
Żona ta' Għawm Ħieles ta' 36 m b'25m	10	5	Kondiviża bejn massimu ta' 150 persuna
Żona ta' Għawm Ħieles ta' 18 m b'25m	5	3	Kondiviża bejn massimu ta' 75 persuna
Water-polo Full-Pool Set-up	50	30	Xbieki tal-lasta u marki ohra li jżommu f'wiċċ l-ilma (set-up uffiċjali)
Water-polo Set-up għat-Taħriġ	30	20	Pixxina 18m (set-up provviżorju)
Ħajt tat-Tixbit (sorveljat)	50	25	sorveljanza obbligatorja
Sala tal-Ġinnastika (klabb)	50	25	Klabbs biss – landing pits
Sala Ewlenija	50	30	Tabella tal-iskor elettronika
Sala ghal dixxiplini ta' sport diversi	30	15	Għoli ta' saqaf limitat
Squash Court	10	5	
Table Tennis	10	5	

Studio	10	5	Yoga/żfin/laqgħat
Fitness Gym Day Pass (Viżitatur)	10 (ta' ġurnata)	30 (ta' xahar)	Eżerċizzji kardjo u muskulari
Padel Court fuq barra	10	5	